MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 156/2012

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

“Rat ir-rikors tal-attur tas-7 ta’ Marzu 2012 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

Illi l-partijiet izzewgu fil-15 ta' Awwissu 1964, u minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett itfal, illum kollha maggoreni.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dr. Peter Fleri-Soler datat 18 ta' Dicembru 1998.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom, stante illi minbarra illi ilhom

snin twal mifrudin, ilium ghandhom hajja totalment separati minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma’ persuni ohra / familji godda.

Illi l-esponenti kien obbliga ruhu fil-kuntratt ta' separazzjoni personali hawn anness li jissoministra manteniment lil martu fis-somma ta' LM140 ekwivalenti ghal €326.

Illi dawn il-fatti fuq imsemmiija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksieb tad-divorzju, skond I-Artikolu 66B tal-Kodici Civil ital-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.”

Talab ghalhekk li din il-Qorti:-

1. Tordna l-hall taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-konvenuta pprezentata fl-24 ta’ Mejju 2012 li permezz taghha eccepiet:-

“Illi fil-proceduri odjerni zewgha qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet

Illi hija topponi t-talbiet tar-rikorrent ai termini tal-artikoli 66 B (c ) u 66 D (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghar-ragunijiet segwenti

Illi ai termini tal-kuntratt tas-separazzjoni tal-partijiet fl-atti tan-Nutar Dr Peter Fleri-Soler datat 18 ta' Dicembru 1998, huwa kien obbliga ruhu li jhallas lil martu manteniment ghaliha fis-somma ta' Lm140 u cjoe 326.11 Ewro tlett mija sitta u ghoxrin Ewro u hdax-il ewro centezmu fix-xahar u xejn ghat-tlett itfal tal-partijiet stante li kienu maggorenni

Illi nonostante l-obbligu assunt minnu fil-kuntratt tas-separazzjoni il-manteniment kien jaghtihulha b'hafna battikati u anka tard

Illi fit-28 ta' Gunju 2007 sahansitra fetah kawza kontra martu fil-Qorti Civili-Sezzjoni tal-Familja biex jieqaf ihallasha il-manteniment u talab li tirrifondilu il-hlas li hu ghamel lilha, liema talbiet gew michuda, huwa appella mis-sentenza Appell Nru 28212007 liema Qorti regghet cahditlu dawn it-talbiet, sentenza deciza 30 ta' Lulju 2010

Illi ilu snin twal jaghmillha hajjitha infern dwar il-manteniment meta jaf li hi anzjana, dejjem kienet mara tad-dar u mghandhiex mezzi finanzjarji hlief il-manteniment tieghu

Illi oltre l-pensjoni li jircievi, hu jahdem

Illi ilu mill-10 ta' Ottubru 2011 jhallasha (Lm110) 256.23 Ewro ghalhekk ghandu jaghtiha 69.88 Ewro arretrati ta' kull xahar u li jammontaw ghas-somma ta' 489.16 Ewro ta' seba xhur

Illi hi certament mhijiex ser tirrinunzja ghad-dritt taghha ta' manteniment

Illi jekk fil-mori tal-proceduri odjemi hu jiddeciedi li jhallas l-arretrati kollha, il-manteniment taghha ghandu jigi zgurat b'garanzija xierqa, liema garanzija ghandha tkun f’ammont li ma jeccediex manteniment ghal hames snin u dan ai termini tal-artikolu 66 I (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi oltre l-adulterju tieghu minn qabel is-separazzjoni, hu ilu u ghadu f'relazzjoni ma' persuna mill-Marokk u jixtieq jizzewweg lilha ghalhekk il-garanzija ghandha tinghatha minnu ghax ikun iktar difficli li tikseb minghandu il-hlas tal-manteniment

Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti hawn esposti, l-intimata tirrilleva illi l-hall taz-zwieg jista' jigi ippronunzjat biss jekk ihallasha l-arretrati kollha dovuti u jaghtiha l-garanzija fl-ammont ta' manteniment mqar ta' hames snin

Semghat ix-xhieda tal-partijiet.

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum tas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**Provi**.

Fl-affidavit taghha[1] l-attrici xehdet illi mill-10 ta’ Ottubru 2011 il-konvenut beda jhallasha l-manteniment bin-nieqes. Tghid hekk:-

“Huwa jircievi l-pensjoni u dejjem baqa’ jahdem. Ilu issa mill-10 ta' Ottubru 2011 jhallasni bin-nieqes. Fil-fatt kien jaghtini is-somma ta' (Lm110) 256.23 Ewro u baqa jhallasni hekk sa April 2012. Ghalhekk ghandu jaghtini 69.88 Ewro arretrati ta' kull xahar. Fis-16 ta' Mejju 2012 taghni 120 Ewro, fl-1 ta' Gunju 2012 taghni 120 Ewro, fil-21 ta' Gunju 2012 taghni 120 Ewro, meta suppost jaghtini 326 Ewro fix-xahar. Imbaghad fit-3 ta' Settembru 2012 tani 160 Ewro, fl-4 ta' Ottubru 2012 tani 160 Ewro u fis-16 ta' Lulju 2012 tani 160 Ewro.”

L-attur mill-banda l-ohra xehed illi huwa dejjem hallas il-manteniment shih u li kienet l-attrici li tghidlu li ma kienx mehtieg li tohrog l-ircevuta. Jsostni li mit-18 ta’ Dicembru 1998, id-data li fiha gie ppubblikat il-kuntratt ta’ separazzjoni personali ta’ bejn il-partijiet, huwa dejjem hallas il-manteniment kollu dovut.

**Konsiderazzjonijiet**.

Hemm qbil bejn il-partijiet illi sakemm ma inbdewx dawn il-proceduri il-konvenuta ma kinitx tirrilaxxja ricevuti ghall-manteniment li tircevi. Kien biss ricenti li dan beda jsir wara li giet intavolata l-kawza odjerna.

[1] Fol. 14

Il-konvenuta qed tippretendi arretrati ta’ manteniment minghand l-attur. Dan hu kontestat mill-attur li sostna li huwa hallas dejjem u li l-knovenuta qed tapprofitta ruhha mill-fatt illi ghal snin shah thallset il-manteniment fi flus kontanti u irrifjutat li tirrilaxxja ricevuta.

Issa l-konvenuta qieghda fl-ewwel lok topponi ghax-xoljiment taz-zwieg qabel ma’ l-attur jissalda l-arretrati mill-konvenuta pretizi, jew fit-tieni lok tinghata mill-attur garanzija sufficjenti sabiex tikkawtela l-hlas tal-arretrati pretizi mill-konvenuta.

Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi wahda mill-kondizzjonijiet li ghandha tkun sodisfatta qabel ma’ l-Qorti tippronunzja divorzju hi illi fejn hu dovut il-manteniment ikun qed jithallas. Kif gia’ osservat hemm nuqqas ta’ qbil bejn il-partijiet dwar jekk hemmx jew le arretrati dovuti.

Hemm kuntrast nett bejn il-partijiet f’dan ir-rigward u d-diffikulta’ hi li ghal snin twal l-attur kien ihallas il-manteniment fi flus kontanti u l-konvenuta ma tirrilaxxjax ricevuta.

Ikkonsidrat.

Fil-fehma tal-Qorti il-kondizzjoni imposta bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta dwar hlas ta’ manteniment mhijiex intiza bhala mezz kif wiehed jistenna proceduri simili sabiex jigbor arretrati ta’ manteniment. Ghalkemm il-konvenuta tippretendi li hemm arretrati li jmorru lura sa mis-sena 2011 jirrizulta illi l-unika procedura gudizzjarja li hadet s’issa fir-rigward kienet kwerela wahda fejn l-attur kien gie liberat mill-imputazzjoni migjuba kontra tieghu. Jirrizulta wkoll li tali kwerela giet intavolata fiz-zmien li l-attur kien ser jistitwixxi l-proceduri ghal divorzju.

Sal-lum il-konvenuta ma istitwit l-ebda proceduri gudizzjarji sabiex tikkanonizza l-kreditu minnha pretiz. Dan ukoll jimmilita kontra t-tezi taghha.

Ghalhekk din il-Qorti, filwaqt li bl-ebda mod ma qed tippronunzja ruhha fir-rigward tal-pretensjoni tal-konvenuta rigwardanti l-manteniment, qieghda tiddikjara illi l-pretensjoni tal-konvenuta mhijiex ta' xkiel ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tilqa' t-talbiet attrici billi:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta'bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------